# BŻONN TA' SOLUZZJONI GLOBALI GĦAT-TAXXA DIĠITALI



EDWARD SCICLUNA /Ministru għall-Finanzi



Il-Ministru għall-Finanzi, il-Prof. Edward Scicluna ma' Ministri għall-Finanzi oħrajn qabel il-laqgħa tal-Eurogroup *[Ritratt: RAY ATTARD]*

Din il-ġimgħa attendejt għall-Kunsill tal-Ministri għall-Finanzi fi Brussell. Is-suġġett l-iktar diskuss jirrigwardja t-taxxa, speċjalment dwar tipi ta' taxxi ġodda. Għall-poplu dan is-suġġett mhuwiex xi wieħed sabiħ, għax it-taxxa toqros in-nies. Huwa għalhekk li ma jkolliex ftehim fil-Kunsill dwar it-taxxa. Huwa ta' solljev li tkun taf li jekk ma jkunx hemm qbil unanimu, it-taxxa jew id-direttiva ma tgħaddix. Dan ifisser li kull pajjiż jista' juża l-VETO. Jekk pajjiż jara li din it-taxxa tagħmel il-ħsara lill-istess pajjiż, il-pajjiż inkwistjoni ma jaqbilx u jivvota kontra u hekk ma tgħaddix.

Madankollu taqbel jew ma taqbilx, xorta waħda trid tipparteċipa u tiddiskuti fuq it-taxxa. Dan għaliex it-taxxa hi xi ħaġa ħajja. Nispjega! Mela t-taxxi qegħdin hemm biex il-gvern jieħu porzjon tal-flus minn attività ekonomika jew konsum jew fuq il-produzzjoni u l-profitti. Issa, li qed jiġri huwa li iktar ma l-pajjiżi jibdew jimmodernizzaw iktar qed jinbidlu l-prijoritajiet tal-poplu, u għalhekk qed jinbidel il-basket tal-konsum. Qed jiġri li affarijiet li fl-antik kienu jintużaw illum ma għadhomx jintużaw u viċi-versa. Għalhekk maż-żmien trid tiġi aġġornata wkoll is-sistema tat-tassazzjoni.

Snin ilu wieħed kien ikun jaf fejn qiegħed, u anke seta' jagħmel bħal baġit tat-taxxi li jkun se jiġbor. Dan il-gvern seta' jagħmlu għax jaf li hemm dik il-kumpanija tagħmel hekk u l-oħra tagħmel mod. Illum il-folja nqalbet! Kumpanija fis-servizzi diġitali joperaw fis-sħab (*cloud computing*), jiġifieri l-istess kumpanija qiegħda l-Amerika, u fl-Ewropa, jiġifieri ma tafx fejn qiegħda eżatt din il-kumpanija. Jista' jkollha indirizz post u l-attività qiegħda xi mkien ieħor. Hawnhekk tidħol ukoll il-kwistjoni ta' fejn hi dovuta t-taxxa u jibda d-dibattitu tad-*Digital Tax*. Il-pajjiżi qed jippruvaw jivvintaw xi tip ta' taxxa biex jindirizzaw din il-problema li l-Ewropej qed iħossu qed tolqothom b'mod negattiv.

Li qed jiġri hu li għandek pajjiżi bħal Franza, li għal raġunijiet politiċi ta' pajjiżhom, jaqbdu u jdaħħlu taxxa li għadha ma ġietx studjata u jintaxxa lil dawk il-kumpaniji kbar Amerikani. Għall-Franċiżi din hija xi ħaġa faċli u popolari politikalment, li wieħed jintaxxa kumpaniji kbar bħall-Amazon, Google, Apple u oħrajn li nafu li huma ġganteski. Kumpanija waħda ikbar mill-GDP ta' pajjiż wieħed. Ilkoll nafu wkoll li jimmanipulaw il-profitti b'ċertu mod li jħallsu l-inqas jew ftit taxxa. Allura dak li jkun jgħid mela jien inħallas it-taxxa u kulma għandi hi paga żgħira, u għax kumpanija kbira tispiċċa ma tħallasx.

Fi ħdan il-Kunsill Ewropew l-Ecofin l-argument ta' ċertu pajjiżi inkluż Malta, mhux kontra li jkun hemm taxxi ġodda minflok l-antiki. L-ewwel li ma jrid jiġri iżda hu li jsiru studji mill-esperti dwar x'tip ta' bidliet qed ikollna fiż-żmien tal-lum u l-aħjar mezzi kif wieħed jindirizzhom.

Il-qbil li jrid jintlaħaq irid isir mhux biss fi ħdan l-Unjoni Ewropea, imma mal-Amerika, maċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja u oħrajn. Dan għaliex jekk wieħed se jipprova jintaxxa xi ħaġa li diġà qiegħda intaxxata banda oħra, ikun hemm dik li ngħidulha *double taxation*. Dan ifisser li kumpanija tispiċċa tħallas l-istess taxxa f'aktar minn pajjiż wieħed u b'hekk, tkun qed tħallas id-doppju jew it-triplu ta' dak li suppost.

Hemm il-ħsieb ukoll li tiġi proposta taxxa fuq is-servizzi finanzjarji, il-Financial Transaction Tax, l-FTT, li l-argument ta' Malta huwa, taf lil min se tintaxxa?

Jista' jkun li int tkun qed tintaxxa xi ħaġa mbagħad tispiċċa qed tolqot xi ħaġa oħra, bħal pensjonijiet. Tista' tolqot il-banek tal-iżvilupp li qed jipprovaw jagħmlu l-ġid. Ikun għalhekk li dejjem ikollna nuqqas ta' qbil fil-Kunsill għal dawn ir-raġunijiet.

Aħna ma aħniex kontra dan kollu, iżda kontra l-mod kif jiġu imposti u mbuttati b'raġunijiet politiċi partikulari ta' xi pajjiż partikulari. It-taxxi importanti, għax mingħajrhom la jkollna skejjel, sptarijiet, pulizija, suldati u lanqas isiru toroq. Jiġifieri t-taxxi u d-dħul tagħhom huwa importanti u veru wkoll li jekk aħna qed ninbidlu maż-żminijiet; it-taxxi jridu jinbidlu. Għax b'hekk niżguraw li jibqgħu jinġabru l-istess ammont.

Ninsab persważ li fil-futur qarib u f'laqgħat oħra tal-Kunsilll se nkunu qed naraw żviluppi f'dan ir-rigward.

## SOLUZZJONIJIET TAL-LUM








Gozo Channel Company Limited

Skeda mill-5 ta' Novembru 2018 sal-10 ta' Ġunju 2019

| Tluq Mġarr Għawdex | Tluq Ċirkewwa Malta |
|---|---|
| 01:30 | 02:15 |
| 03:30 | 04:00 |
| 04:45 | 05:15 |
| 05:30 | 06:00 |
| 06:00 | 06:45 |
| 06:45 | 07:30 |
| 07:30 | 08:15 |
| 08:15 | 09:00 |
| 09:00 | 09:45 |
| 09:45 | 10:30 |
| 10:30 | 11:15 |
| 11:15 | 12:00 |
| 12:00 | 12:45 |
| 12:45 | 13:30 |
| 13:30 | 14:15 |
| 14:15 | 15:00 |
| 15:00 | 15:45 |
| 15:45 | 16:30 |
| 16:30 | 17:15 |
| 17:15 | 18:00 |
| 18:00 | 18:45 |
| 18:45 | 19:30 |
| 19:30 | 20:15 |
| 20:15 | 21:00 |
| 21:00 | 21:45 |
| 22:30 | 23:05 |
| 23:45 | 00:20 |



| RATI TAL-KAMBJU MAL-€ | |
|---|---|
| **USD** Dollaru Amerikan | 1.1295 |
| **JPY** Yen Ġappuniż | 126.09 |
| **BGN** Lev Bulgaru | 1.9558 |
| **CZK** Koruna Ċeka | 25.668 |
| **DKK** Krone Daniż | 7.4624 |
| **GBP** Sterlina Ingliża | 0.85228 |
| **HUF** Forint Ungeriż | 314.43 |
| **PLN** Zloty Pollakk | 4.3032 |
| **RON** Leu Rumen | 4.7650 |
| **SEK** Krona Żvediża | 10.5373 |
| **CHF** Franc Żvizzeru | 1.1351 |
| **NOK** Krone Norveġiża | 9.7155 |
| **HRK** Kuna Kroat | 7.4214 |
| **RUB** Rouble Russu | 73.9250 |
| **TRY** Lira Torka | 6.1842 |
| **AUD** Dollaru Awstraljan | 1.6030 |
| **BRL** Real Brażiljan | 4.3330 |
| **CAD** Dollaru Kanadiż | 1.5074 |
| **CNY** Yuan Ċiniż | 7.5984 |
| **HKD** Dollaru ta' Hong Kong | 8.8665 |
| **IDR** Rupiah Indoneżjan | 16150.44 |
| **ILS** Shekel Iżrael | 4.0670 |
| **INR** Rupee Indjan | 78.4730 |
| **KRW** Won Sud Korean | 1283.62 |
| **MXN** Peso Messikan | 21.8824 |
| **MYR** Ringgit Malażjan | 4.6180 |
| **NZD** Dollaru ta' Zealand | 1.6585 |
| **PHP** Peso Filippin | 59.601 |
| **SGD** Dollaru ta' Singapore | 1.5325 |
| **THB** Baht Tajlandiż | 35.896 |
| **ZAR** Rand Sud Afrikan | 16.3820 |

BANK ĊENTRALI TA' MATA